**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 t'Ottubru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spetur Shawn Pawney)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Srdan Stevanovic**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Srdan (k/a Srdjan) Stevanovic ta' 38 sena, mwieled Serbia, nhar il-5 ta Dicembru 1981, residenti: 59, Triq Qrejten, Pieta u detentur tal-passaport Serb bin-numru 11438169

Akkuzat talli bejn il-lejl ta' l-1 ta Novembru 2020 u t-2 ta' Novembru 2020 bejn is-07:30pm u 2:30am fi Triq Qrejten Pieta u/jew gewwa 59, Triq Qrejten, Pieta:

1. Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni WDG018,

liema hsara ma teccediex elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda teccedi mitejn u hamsin euro (€250) ghad-dannu ta' Alan Abela Wedge u/jew persuni ohra;
Art 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Zamm fil-fond 59, Triq Qrejten, Msida u/jew kellu fil-pusses tieghu u/jew gar barra mill-istess fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar u/jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenzja taħt l-Att dwar l-Armi;
Art 5 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta

3. Gar 'il barra minn fond 59, Triq Qrejten, Msida, jew id-dintorni skieken, jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummisarju tal-Pulizija;
Art 6 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta

4. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika permezz ta' arma regolari kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' PS1194, PS1340 u PC661;
Art 96 u 97 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

5. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' PS1194, PS1340 u PC661;
Art 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

6. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (PS1194, PS1340 u PC661) jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jagħmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;
Art 338 (ee) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

7. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;
   Art 338 (dd) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

U aktar talli fix-xahar ta' Ottubru 2020 u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa 59, Triq il-Qrejten, Pieta:

8. Gieghel annimal (kelb) isofri ugiegh, tbatija u dwejjaq minghajr bzonn u talli abbanduna l-istess annimal (kelb);
   Art 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta

9. Ma trattax xieraq annimal (kelb) meta zamm annimal (kelb) jew qabel li jzomm annimal (kelb) meta kien jaf li hu responsabli ghat-trattament xieraq tieghu;
   Art 8(3) tal-kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta

10. Ma hax dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htigiijet ta' annimal (kelb) li huwa responsabli ghalih jew qabel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-kelb;
    Art 8(4) tal-kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-1 ta' November 2020 u/jew fix-xhur ta qabel f'dawn il-gzejjer:

11. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D mid-digriet datat 25 ta' Jannar 2016 u li permezz tieghu huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet,
    Art 579(1) u (2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-armi regolari u munizzjon, liema kienu qed jinżammu

jew jinġarru, li gew akwistati jew kienu fil-pussess bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Armi.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-14 ta' Gunju 2022 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 5 u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Fl-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Fl-Artikoli 96 u 97 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Fl-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.
9. Fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
10. Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigi trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-imputat fit-termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali tal-5 ta' Dicembru 2022, fejn talbu li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat skont ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Qorti ghandha tkun dik ta' sentejn u tlett xhur prigunerija effettivi kif ukoll multa ta' tnax-il elf (12,000) euro, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, mizura u/jew konsegwenza ohra tassattiva ghad-dikjarazzjoni u sejbiet ta' htija.

6. Rat id-digriet taghha moghti fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2023, fejn ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti iddikjarat li mhix sodisfatta li s-sanzjonijiet u mizuri mitluba f'dan ir-rikors kongunt huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-

sejbien ta’ htija ghar-reati li dwarhom l-imputat jinsab mixli, u dan tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-minimu u l-massimu tal-pieni relattivi.

7. Rat li fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2023, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

8. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta’ disa’ snin u xahrejn prugnerija kif ukoll il-hlas ta’ multa ta’ sebghin elf Euro (€70,000), u issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

9. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

10. Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina, u rat il-*Pre-Sentencing Report* dwar l-imputat imhejji minnha.

11. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti dwar il-Htija**

12. Ghalkemm fil-verbal tat-2 ta’ Gunju 2023, il-partijiet inghataw l-opportunita li jippresentaw nota ta’ sottomissjonijiet rigward il-piena – ovvjament ghax l-imputat kien ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu – id-difiza deherilha li ghandha taghmel ukoll sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun ghall-ahjar intendiment ta’ din is-sentenza li qabel tghaddi ghal konsiderazzjonijiet taghha tispjega fil-qosor il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri:

1. Fl-1 ta' Novembru 2020 ghal habta tas-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija (7.30pm), il-Pulizija tal-ghassa tal-Imsida rcivew rapport li persuna barranija kienet qed targumenta ma' xi nies gewwa Triq Qrejten, il-Pieta u li kien ikkawza xi danni f'vettura li kienet ipparkjata fl-istess triq. Sakemm il-Pulizija marru fuq il-post dahlu xi telefonati ohra din id-darba mill-Control Room tal-Pulizija, fuq l-istess persuna tal-istess barrani maskili li kien qed jhedded xi nies b'sikkina.

2. Meta l-Ufficjali tar-Rapid Intervention Unit (RIU) waslu fuq il-post, huma gew infurmati minn xi nies li l-bniedem li kien heddidhom kien joqghod gewwa 59, Triq Qrejten, Pieta, li hi r-residenza tal-imputat. Meta l-ufficjali tal-RIU habbtu fuq il-bieb ta' dan il-fond, l-imputat li kien gewwwa fetah il-bieb, izda kellu sikkina f'idejh u ghamilha fil-pozizzjoni li qisu se jaghtihom daqqa bis-sikkina. Ghaldaqstant huma irtiraw u cemplu ghall-assistenza.

3. Il-Pulizija ibbarikaw bit-tape it-toroq ta' madwar din ir-residenza, u xi nies gew ukoll evakwati ghal wara t-tape. Fuq il-post giet msejha wkoll l-ambulanza ghal kull eventwalita u kif ukoll kien hemm l-ambulanza tal-annimali, peress li l-Pulizija gew infurmati li kien hemm xi klieb fir-residenza tal-imputat.

4. Il-Pulizija hadu pussess temporanju ta' flat fl-ewwel sular f'binja adjacenti ghal dik tal-imputat, sabiex mit-tieqa tal-kcina jkunu jistghu jimmoniterjaw il-passi tal-imputat gewwa l-fond. Ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija (9.30pm), is-Supretendent Sandro Camilleri ta l-ordni sabiex l-ufficjali tal-Rapid Intervention Unit (RIU) jifqghu l-bieb u jidhlu. Madanakollu kif dahlu, l-imputat ppuntalhom dak li huma iddeskrivew bhala shot gun u qallhom il-kliem *'to-day I die and I will kill you all"* u offendihom bi kliem vulgari bil-Malti. Il-Pulizija ghalhekk iritiraw u l-bieb inghalaq. Sussegwentement, il-Pulizija li kienu fil-flat raw lill-imputat johrog fil-bitha tar-residenza tieghu u f'idejh kellu pistola, li zammha catta ma' zaqqu.

5. Ghal habta tal-ghaxra u kwart ta' bil-lejl (10.15pm) wasal fuq il-post in-negotiotor tal-Korp tal-Pulizija, l-ispettur Omar Zammit, u ufficjali tal-iSpecial Intervention Unit (SIU) tal-Pulizija. L-ispettur Zammit ipprova jikkomunika mal-imputat, li f'xi hin l-imputat qallu li kien ha xi pilloli u kien qed ihossu ghajjien. In-negozjati bejn l-Ispettur Zammit u l-imputat damu ghaddejin sa cirka is-saghtejn ta' l-ghada

fil-ghodu (2.00a.m.). Fuq il-post giet ukoll, certa Milena Nyaltovic, li qalet li hija l-kugina tal-imputat, u li kienet ilha ma tkellmu xi tlett (3) xhur minhabba l-fatt li kien qed jaghmel uzu minn sustanzi illeciti, u cioe droga.

6. Bl-ghajnuna tal-ufficjali tal-*Animal Welfare* taw lill-ufficjali tal-SIU trankwillant biex dawn jisparawh permezz ta' dart fuq il-kelb mit-tieqa tal-flat okkupat mill-Pulizija. Ghalkemm id-dart laqtet il-kelb fuq parti ta' siequ ta' wara, pero immullat, u ma deherx li it-trankwillant kien hadem fuq il-kelb.

7. Fis-saghtejn ta' fil-ghodu (2.00a.m.) ittiehdet decizjoni li l-ufficjali tal-SIU jidhlu fil-fond tal-imputat mill-bieb principali. Dawn sabu lill-imputat fil-kamra tas-sodda, u fil-pussess tieghu kellu sikkina, ossia *dagger,* kif ukoll ix-shotgun li l-membri tal-RIU kienu raw. Fil-qalziet tieghu kellu wkoll il-pistola li l-Pulizija kienet ratlu f'idejh. Fil-but kellu skratacc tax-shotgun u kellu wkoll il-bullets tal-arma. L-imputat gie arrestat u inghata d-drittijiet legali tieghu.

8. Waqt it-tfittxija li saret fil-fond, instab ix-shot gun li kellu zewg kanen u kellu skartocc f'kull kanna u kien isserrat minn quddiem. Pero it-triggers ma kienux ikkargati. Il-pistola kellha balla fic-chamber. Fuq is-sodda kien hemm baskett li kellu ammont sostanzjali ta' skratac u balal. Fuq sufan kien hemm makeshift xabla bil-manku twila cirka metru u nofs. Kien hemm ukoll zewg lembubi u flixkun tal-whiskey li l-Pulizija issuspettat li kellu fih molotov coctail. Kien hemm bicca hajt tal-gypsum fil-kcina li kellu mijiet ta' daqqiet ta' sikkina. Fil-bitha instab wkoll kelb fi stat ta' dekompizizzjoni, u zewg klieb ohra go gagga kbira.

9. Peress li waqt din l-operazzjoni il-kelb tal-imputat, li kien jixbah ir-razza pitbull, gie jigri lejn il-Pulizija, surgent tal-Pulizija spara zewg tiri, u laqat il-kelb f'sieq tax-xellug ta' quddiem. Pero f'dawn il-proceduri, l-ispettur Jonathan Ransley xehed li l-kelb baqa' haj u irkupra, minghajr ma tilef siequ.

10. Waqt l-investigazzjoni irrizulta wkoll li l-imputat ghandu proceduri kriminali pendenti kontra tieghu rigward drogi, u li kien inghata l-helsien mill-arrest, pero l-ahhar li iffirma l-Ghassa tal-Pulizija kien fit-12 ta' Lulju 2020.

13. Fuq talba tad-difiza, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020 din il-Qorti hatret lil Dr George Debono bhala espert psikjatra sabiex jirrelata dwar il-qaghda mentali tal-imputat dak in-nhar tal-incident u dwar l-istat mentali tieghu fiz-zmien ta' dawn il-proceduri. Fir-rapport tieghu, il-Psikjatra Dr Debono ikkonkluda hekk:[1]

*"Mill-ezami tieghi jidher li l-imputat aktarx ghandu disturbi ta' personalita aktar milli hu psikotiku. Ghalkemm wiehed ma jistghax ikun preciz ghall-istat mentali fil-waqt tal-fatt, hemm probabilita kbira li hu kien jaf x'qed jaghmel ghal fatt li hu kien car mal-fatt kif gara. Ghalkemm hu qal lil pulizija li jghamel suwidicju dan fil-fatt m'ghamel xejn minn dan, kif ukoll dejjem sostna li m'ghamel xejn hazin ghax dak li ghamel kien go daru u ma wegga lil hadd, u la darba l-pulizija dahlu f'daru, huwa hass li kellu jiddefendi lilu nnifsu. Madanakollu l-fatt li kien taht l-influwenza ta' xorb u drogi, dan zgur affettwalu l-gudizju tieghu, izda mhux bizzejjed li jrenduh inkapaci "di intendere e volere" ghal fatt li hu kien konxju ghal li gara. Mill-ezami jirrizultali li huwa "fit to stand trail".*

14. In oltre, il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri, li gie mahtur bhala espert fl-inkjesta mertu ta' dawn il-proceduri, ikkonkluda hekk:[2]

*"Jidher li ghalkemm ghandu storja psikjatrika twila sahansitra kien fi sptar psikjatriku fis-Serbia ta' sittax-il sena, skond l-informazzjoni li ngabret kif ukoll mill-ezami psikjatriku jidher li s-sur Stevanovic ghalkemm jikkonsma alcohol u sustanzi illeciti huwa ma kellux difett fl-intendere e volere in relazzjoni ma' l-allegat kaz ta' Novembru 2020."*

15. Kif inghad l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, pero fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, apparti sottomissjonijiet fuq il-piena, ghamel sottomissjonijiet ukoll dwar il-mertu ta' uhud mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

[1] Ara fol. 161 tal-process.
[2] Ara fol. 371 tal-process.

16. L-ewwel sottomissjoni hija illi n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali ma tinkludiex l-imputazzjonijiet numru tmienja (8) u disgha (9) fic-citazzjoni tal-Pulizija, u ghalhekk ma jistghax jinsab hati ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Ma hemmx dubbju li l-imputat ghandu ragun f'din is-sottomissjoni tieghu. Il-gurisprudenza konsistentement irriteniet illi r-rinviju ghal gudizzju f'dawn il-proceduri jassumi r-rwol tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali.[3] Ghaldaqstant, din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi din il-kawza biss a bazi tar-reati indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu. La darba l-imputazzjonijiet tmienja (8) u disgha (9) ma gewx inkluzi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

17. It-tieni sottomissjoni tad-difiza hija fis-sens illi r-reat kontemplat fl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 ma jirrizultax mill-provi, minkejja li l-imputat ammetta li hu hati tieghu. Huwa jissottometti li r-reat ravvizat fl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 huwa ikkonsmat mal-mument li persuna ggorr barra d-dintorni tar-residenza taghha sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta. Huwa jkompli jghid li bhala stat ta' fatt, is-sikkina fil-pussess tal-imputat waqt l-incidnet, qatt ma nharget barra mir-residenza tieghu, u ghaldaqstant ma jistghax jinstab hati ta' dan ir-reat.

18. Il-Qorti tosserva li il-licenzjar ghaz-zamma ta' skieken ma hux regolat bl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480, izda bl-Artikolu 6 tal-istess Kapitolu, u l-Qorti li tifhem li r-riferenza li d-difiza ghamlet ghall-Artikolu 5 kien zball tal-pinna, u fil-fatt riedet tirreferi ghall-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480. Ghalkemm ix-xhud Adam Abela Wedge qal lil PS 661 Christian Grech li l-imputat kien qieghed barra jivvandalizza l-karozza tieghu b'sikkina f'idu,[4] u qal l-istess diskors lill-Ufficjal tal-Probation,[5] huwa naqas li jghid dan waqt ix-xhieda tieghu, u minflok qal li ma setghax jaghraf l-oggett li kellu f'idejh l-imputat meta kien qed jivvandalizzalu l-karozza.[6] Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata, u konsegwentement il-Qorti ma hix ser issibu hati taghha, minkejja li ammetta li ikkommetta dan ir-reat.

---

[3] Ara s-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Dicembru 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Vincent De Gaetano).
[4] Ara fol. 414 tal-process.
[5] Ara fol. 661 verso tal-process.
[6] Ara fol. 418 tal-process.

19. Fit-tielet lok id-difiza tissottometti li r-reati kontemplati fl-Artikoli 96 u 97 tal-Kodici Kriminali ma jirrizultawx ippruvati mill-atti, nonostante li l-imputat ammetta li hu hati taghhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet id-difiza tghid hekk:

*"Jirrizulta, li fil-kaz in dizamina l-imputat ma kienx vjolenti, irresista jew hebb kontra l-Pulizija. Il-Pulizija li rrikorrew fuq il-post jaqblu li, filwaqt li l-imputat qal kliem li jista' jitqies minaccjuz jew oltraggjuz, ma kienx hemm vjolenza, forza jew rezistenza fizika kontra taghhom. Jabqlu li l-imputat xejjer sikkina fid-direzzjoni taghhom[7], qal kliem ingurjuz u ta' theddid,[8] u f'mument minnhom giet ippuntata arma fid-direzzjoni tal-Pulizija.[9] Jaqblu ukoll, li wara l-intervent tal-SIU l-imputat gie arrestat minghajr problemi. Kwindi l-element ta' vjolenza, attakk jew rezistenza effettiva hija kjarament nieqsa mill-fatti u ghaldaqstant ir-rikorrent* [recte l-imputat] *ma ghandux jinstab hati ta' dan ir-reat."*

20. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni tghid li dan huwa argument dizingenjuz li ma ghandu l-ebda fondament legali. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Aimen Said Giali el Baden** deciza fl-20 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[10] irriteniet hekk:

*"L-ewwel qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Borg**. F'dik is-sentenza din il-Qorti, kif presjeduta, kienet irriteniet li biex ikun hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali irid ikun hemm, fost affarijiet ohra u bhala minimu, xi forma ta' <u>forza illegittima</u> diretta lejn, jew ezercitata fuq, il-<u>persuna</u> inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, b'dan ukoll li l-att li bih tali forza illegittima tigi ezercitata irid ikun tali li jkun tendenti, ossia jkollu l-potenzjalita`, li jikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi fil-fatt ikkagunata, u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

7 *Xhieda ta' PS 1340 folio 187 tal-atti processwali.*
8 *Xhieda ta' PS 601 folio 170 tal-atti processwali.*
9 *Xhieda ta' PS 661 folio 415 tal-atti processwali.*
10 *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

21. In oltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza fil-15 t'April 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[11] irreniet hekk:

*"Kif gie mfisser minn din il-Qorti, diversament komposta[12], il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom mhux biss xoghol difficili xi jwettqu, izda maz-zmien dana x-xoghol qed isir dejjem aktar impenjattiv u hafna drabi aktar perikoluz. Jekk l-Istat jippretendi, kif ghandu dritt jippretendi, li dawn in-nies mhux biss jidhlu ghal dana x-xoghol izda jwettquh sew u kif suppost fl-interess tal-kollettivita`, huwa min-naha l-ohra legittimu li dawn in-nies jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi u tal-qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom. Issa, fil-kaz in dizamina huwa minnu li ebda wiehed mill-ufficjali tal-pulizija involuti ma wegga' fl-incident ta' Hal Far[13], u li r-reat taht l-Artikolu 95(1) twettaq effettivament permezz ta' ingurji jew theddid u mhux permezz ta' offiza fuq il-persuna. Pero` certament kien hemm rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fit-termini tal-Artikolu 96(a), reat li jgib piena ta' prigunerija bejn erba' xhur sa sena. Il-linja ta' demarkazzjoni fil-prattika bejn is-semplici attakk jew rezistenza bi vjolenza jew b'hebb min-naha, u l-offiza fuq il-persuna tal-ufficjal pubbliku min-naha l-ohra, hija wahda fina hafna. Fil-fatt il-ligi tippunixxi severament tali attakk jew resistenza proprju biex tipprevjeni l-possibilita` li l-ufficjal pubbliku in kwistjoni isofri offizi fuq il-persuna tieghu – jekk huwa effettivament isofri tali offizi, japplikaw disposizzjonijiet ohra tal-ligi."*

22. Fil-kaz odjern, apparti l-kliem ingurjuz u ta' theddid, l-imputat xejjer sikkina fid-direzzjoni tal-Pulizija li habbtulu fuq il-bieb, u l-ewwel darba li ippruvaw jidhlu bil-forza laqghhom b'shotgun. Tant il-Pulizija bezghu ghall-inkoluminta fizika taghhom, li n-negozjati bejnhom u bejn l-imputat damu sejrin iktar minn sitt sieghat, sabiex jippruvaw jikkonvincu lill-imputat jarrendi, u jhallihom jidhlu fir-residenza tieghu u jarrestawh b'mod pacifiku. Effettivament, kienu l-ufficjali tal-iSpecial Intervention Unit li irnexxielhom jidhlu fir-residenza bl-uzu ta' diversi *flash bangs*, sabiex jiddizorjentaw lill-imputat,[14] u irnexxielhom jarrestawh.

---

[11] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[12] ***Il-Pulizija vs Josianne Bonello*** *16/01/2003.*
[13] *L-incident fl-edifizzju tal-Qorti jidher li kien wiehed de minimis.*
[14] Ara xhieda ta' PS 601 Justin Spiteri a fol. 172 tal-process

23. Certament li fil-kaz odjern hemm l-estremi sabiex jista' jinghad illi l-agir tal-imputat kien jikkostitwixxi forza illegittima diretta lejn diversi ufficjali tal-Pulizija. Din il-forza illegittima tikkwalifika bhala vjolenza effettiva ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, u certament ma kienx hemm bzonn li effettivament iwegga' xi wiehed jew iktar minn dawn l-ufficjali tal-Pulizija sabiex l-imputat jinstab hati ta' dan ir-reat. La darba l-imputat uza kemm sikkina kif ukoll arma tan-nar waqt l-agir tieghu, gew ippruvati wkoll c-cirkostanzi aggravanti kontemplati fl-Artikolu 97 tal-Kodici Kriminali.

24. *In extremis*, id-difiza tirrileva wkoll li minkejja li l-Prosekuzzjoni allegaw li r-reati sehhew kontra PS 1194, PS 1340 u PC 661, is-Surgent 1194 baqa' qatt ma ttella jixhed. Ghalkemm jidher li effettivament huwa vera li PS 1194 ma telghax jixhed, kemm PS 601 Justin Spiteri[15] kif ukoll PS (dak iz-zmien PC) 661 Christian Grech[16], xehdu li PS 1194 kien maghhom meta l-imputat ippunta ix-shotgun fid-direzzjoni taghhom. Il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita minn din ix-xhieda taghhom, u ma kienx hemm in-necessita li PS 1194 jitla' jixhed ukoll, la darba l-involviment tieghu gie debitament ippruvat skond il-ligi. Ghaldaqstant, anke din is-sottomissjoni tad-difiza hija legalment infondata.

25. Konsegwentement, mill-provi prodotti u fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif kontemplati fir-reati kollha elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-14 ta' Gunju 2022, hlief ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-Piena**

26. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra din l-ammissjoni wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi, u l-Avukat Generali baghat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Huwa ovvju l-imputat irregistra din l-ammissjoni meta sab ruhu daru mal-hajt, in vista tal-provi skjaccanti li ipproduciet il-Prosekuzzjoni kontra tieghu, u ghalhekk irregistra din l-ammissjoni f'tentattiv li jottjeni mitigazzjoni fil-

[15] Ara xhieda a fol. 169 tal-process.
[16] Ara xhieda a fol. 415 tal-process.

piena. Pero, l-imputat ma haqqu l-ebda mitigazzjoni fil-piena ghaliex huwa xorta wahda hela l-hin u r-rizorsi tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

27. Il-fedina penali tal-imputat fiha biss kundanna wahda minn dawn il-Qrati, ghal pussess semplici ta' droga. Il-fedina penali tirrifletti biss iz-zmien li l-imputat ghamel Malta, u ma setghetx tingieb il-fedina penali tieghu tas-Serbja. Pero mill-*Pre-Sentencing Report* jirrizulta li l-imputat qal lill-Ufficjal tal-Probation li hu kien skonta piena ta' erba' snin habs fis-Serbja dwar akkuzi ta' serq. Din is-sentenza ma setghetx tigi konfermata.

28. L-Ufficjal tal-Probation osservat hekk fir-rapport taghha u identifikat is-segwenti fatturi:[17]

*"Fil-waqt li l-imputat deher jaghraf illi l-atteggjament tieghu dakinhar tar-reat ma kienx tajjeb, Stevanovic deher jimminimizza l-imgieba tieghu billi fost l-ohrajn isostni li ma spara jew qatel lil hadd. Min-naha l-ohra il-vittmi indikati fl-akkuzi odjerni ddeskrivew lill-imputat bhala theddida ghas-socjeta meta mitkellma ghal fini ta' dan ir-rapport.*

*L-imputat jirrizulta li ghandu storja twila ta' uzu problematiku ta' sustanzi leciti u illeciti. L-uzu ta' sustanzi jidher li kellu impatt fuq aspetti differenti tal-hajja tieghu, inkluz dak finanzjarju, akkomodazzjoni u sahha mentali. Huwa sahansitra deher jirrelata l-involviment tieghu fil-kaz odjern mal-uzu eccessiv ta' sustanzi fil-gimghat precedenti ghar-reat u l-impatt li l-istess uzu kellu fuq l-istat mentali tieghu. Minkejja dan, Stevanovic ma jqisx li l-istess uzu ta' sustanzi bhala problema u konsegwentement ma jaghrafx il-bzonn li jircievi ghajnuna f'dan ir-rigward. F'Malta huwa infatti qatt ma bbenefika mis-servizzi tal-Agenziji li jahdmu kontra l-vizzji u dan anke meta gie imheggeg biex jaghmel dan mill-professjonisti li jahdmu mieghu, inkluz is-sottoskritta.*

*Ir-rekord mahrug mill-Agenzija Jobsplus juri li l-imputat qatt ma hadem b'mod regolarizzat f'Malta. Fil-passat jidher li kien hemm perjodu meta hadem f'xoghol ta' tibjid gewwa Malta, liema xogholijiet madankollu ma jidhirx li kienu jkunu stabbli. Min-naha l-ohra sostna li ghandu esperjenza ta' impjieg wiehed stabbli fis-Serbja, liema informazzjoni madankollu ma setghetx tigi vverifikata.*

[17] Ara fol. 658 tal-process.

*B'relazzjoni mal-aspett tas-sahha mentali, mill-informazzjoni migbura mill-psikajtra Dr Joseph Saliba, li ilu xhur isegwi lill-imputat fi hdan ASK, jirrizulta li Srdan Stevanovic ghandu "comorbid psychoactive substance dependence disorder" u "paranoid psychotic disorder". Fil-prezent Stevanovic qieghed jinghata medikazzjoni psikjatrika f'forma ta' injection u l-istat mentali tieghu huwa wiehed stabbli fl-ambjent ristrett li jisnab fih. Madankollu, kif seta' jigi nnutat mill-professionisti li jahdmu mieghu, l-imputat ma jirrikonixxiex il-bzonn ta' medikazzjoni. Dan iqanqal dubju dwar kemm Stevanovic ikun lest li jikkonforma mal-istess kura fin-nuqqas ta' supervizjoni. Infatti, fil-waqt illi l-imputat jidher li ghandu storja psikjatrika twila, jirrizulta li huwa beda jircievi kura psikjatrika b'mod konsistenti wara r-reat odjern.*

*Is-sottoskritta segwit lill-imputat fil-komunita b'relazzjoni ma' Ordni provizorja ta' supervizjoni mahruga minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Ottubru 2021. Fil-waqt li Stevanovic kien pjuttost konsistenti fl-attendenza ghall-appuntamenti u segwa l-pjan ta' kura psikjatrika kif gwidat, in-nuqqas ta' motivazzjoni tieghu li jindirizza l-uzu tieghu ta' sustanzi wasslet sabiex is-sitwazzjoni tieghu tiddeterjora sal-punt li huwa stess talab ghar-ri-arrest tieghu. Fil-waqt li t-talba tieghu li jigi rtirat il-bail turi element ta' responsabbilita min-naha tieghu, in-nuqqas ta' motivazzjoni li jindirizza aspetti li jiffacilitaw stil ta' hajja kaotiku jzomm ir-riskju ta' recidiva gholi fil-komunita."*

29. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha hekk:

*"Pjan ta' Kura*

*Huwa evidenti li l-imputat ghandu problemi ta' vizzji, kif ukoll problemi psikjatrici li jirrikjedu attenzjoni. Jinhass il-bzonn li huwa jkompli jigi segwit minn tim psikjatriku sabiex jigi accertat li l-istat mentali tieghu jibqa' wiehed stabbli. Kif indikat mill-konsulent psikjatra Dr Joseph Saliba, l-istess kura psikjatrika m'ghandhix titwaqqaf fil-komunita. Stevanovic jirrikjedi wkoll ghajnuna kontinwa dwar dipendenzi varji, liema ghajnuna huwa qieghed jirrifjuta f'dan l-istadju. Jinhass il-bzonn li Srdan Stevanovic jingagga ruhu f'impjieg regolarizzat li jippermettulu jqatta' hinu b'mod kostruttiv u li jkun finanzjarjament indipendenti.*

*Rakkomandazzjoni*

*Ghaldaqstant, kif tindika l-informazzjoni provduta f'dan ir-rapport, fil-waqt li Srdan Stevanovic jirrelata l-kaz odjern mal-uzu ta' sustanzi u mal-impatt tal-istess uzu fuq l-istat mentali tieghu, Stevanovic baqa' juri nuqqas ta' motivazzjoni li jindirizza l-aspett tal-vizzji. Dan jaghmilha ferm difficli li jinghata l-attenzjoni mehtiega lill-element tar-riabiltiazzjoni u li jitnaqqas ir-riskju ta' recidiva. Fic-cirkostanzi l-protezzjoni tas-socjeta ghandha tinghata precedenza u ghaldaqstant qieghed jigi umilment rakkomandat li Stevanovic jinghata piena karcerarja."*

30. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel riferenza ghall-iskopijiet tal-piena kif enuncjati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzereno Micallef** deciza fit-28 ta' Novembru 2006 fejn intqal hekk:

*"... ... (H)uwa minnu li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

31. Ghalkemm il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali, hija ma tistax ma tosservax li matul dawn il-proceduri l-imputat ma wera l-ebda hegga li jirriforma ruhu, u lanqas qed juri fil-prezent, u dan kif jirrizulta ampjament mill-*pre-sentencing report* u r-rapporti sussegwenti tal-Ufficjal tal-Probation. Sakemm l-imputat jibqa' mhux motivat li jindirizza l-problema tad-dipendenzi li ghandu fuq varji sustanzi, leciti u illeciti, huwa se jibqa' jikkostitwixxi minacca lis-socjeta.

32. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-gravita tar-reati li taghhom l-imputat instab hati. Tnejn minn dawn ir-reati saru fil-konfront ta' ufficjali tal-Pulizija. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizija fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita mil-ligi, li ghandha tkun piena ta' prigunerija adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** fuq citata:

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel qorti meta din irriteniet, anke fuq l-iskorta ta' sentenzi minnha citati, li meta si tratta ta' reati kommessi fil-konfront ta' pulizija w ufficjali pubblici ohra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom id-dover li jipprotegu lill-forzi tal-ordni billi jinfliggu pieni iebsin – u dan ifisser li, bhala regola, ghandu jkun hemm piena karcerarja b'effett immedjat – fuq min jikkommetta tali reati. L-ahhar espressjoni ta' dan il-hsieb jinsab fis-sentenza ta' din il-Qorti (kollegjalment komposta) tal-20 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Bernard sive Benny Attard**."*

33. Ghalkemm tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti ma hix tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun wahda fil-massimu taghha, min-naha l-ohra lanqas hija tal-opinjoni li ghandha tkun tqarreb lejn il-minimu taghha. Kien ghal din ir-raguni li din il-Qorti ma kinietx sodisfatta bil-patteggament milhuq bejn l-Avukat Generali u l-imputat dwar il-piena ta' sentejn u nofs prigunerija u multa ta' tnax-il elf Euro, ghax tali piena tqarreb lejn il-minimu. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-piena karcerarcja (apparti l-piena tal-multa) fil-kaz odjern ghandha tkun x'imkien fin-nofs tal-massimu tal-piena karcerarja li tista' tigi erogata skond il-ligi. Del resto l-abbli difensur tal-imputat stess iddikjara fit-trattazzjoni orali tas-6 ta' Jannar 2023, li l-Avukat Generali ma riedx piena lejn il-minimum, imma ried *"sentenza iktar vicin lejn in-nofs"*.[18]

[18] Ara fol. 639 tal-process.

**Konkluzjoni**

34. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta u tiddiciedi billi wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-14 ta' Gunju 2022:

1. issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement qed tilliberah minnu;

2. wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 96(a), 97, 95, 338(ee), 338(dd) u 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 5 u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tar-reati ikkontemplati fl-istess artikoli.

3. tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' hames (5) snin, li minnha ghandu jitqassas kull zmien li l-imputat inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

4. in oltre tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), liema multa hija pagabbli minnufih, u fin-nuqqas tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

5. tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' elfejn Euro (€2000) mill-ammont akbar ta' garanzija personali imposta fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti fil-25 ta' Jannar 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dottor Doreen Clarke, u jekk dan l-ammont ma jithallasx immedjatament, dan l-ammont jigi konvertit f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi;

6. inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar (1) minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

7. Fl-ahharnett il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-armi regolari u l-munizzjon ezebiti f'dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**